# L-Annimali u l-egħdewwa tagħhom

Jekk il-bniedem għandu l-egħdewwa tiegħu u jrid joqgħod b'seba' għajnejn minnhom, xejn inqas minnu għandhom l-egħdewwa tagħhom l-annimali: dawn l-egħdewwa jistgħu jkunu sewwa l-bniedem kemm ukoll annimali oħra. Iżda biex jilqgħu rwieħhom Alla ta lil kulħadd il-għodda meħtieġa biex jaħrab mill-mewt. Lill-bniedem l-ewwelnett Alla tah id-dehen li bih hu jaħrab it-tiġrif u li bih hu għaraf isawwar armi u ħwejjeġ oħra biex jiddefendi ruħu. L-annimali wkoll għandhom istint qawwi li jġagħilhom iħossu mill-bogħod il-periklu; iżda, barra minn dan Alla---li ħalaq is-sema u l-art u Hu qiegħed iżommhom kull jum — tahom ħwejjeġ oħra li bihom jinqdew biex jeħilsu kemm jista' jkun mill-egħdewwa tagħhom li jdawruhom minn kull imkien.

Biċċiet minnhom joqogħdu fuq is-saħħa tal-għaġeb li biha jwerwru lil l-egħdewwa tagħhom u li mħabba fiha leħinhom ikexkex lill-annimali u jżomm lura l-pass tal-bniedem.

Oħrajn tgħinhom ħafna biex jeħilsu mill-mewt il-ħeffa ta' riġlejhom jew ta' ġwenħajhom li din, flimkien ma' l-istint qawwi tal-periklu, tbegħidhom f'mument wieħed mill-mewt żgura.

Oħrajn il-ħxuna tal-għata ta' ġisimhom li mhux għal kemm ixoqquha l-egħdewwa tagħhom.

Annimali oħra għandhom ħaġ'oħra li jekk ma teħlishomx dejjem mill-mewt, tgħinhom ħafna biex ma jingħarfux mill-egħdewwa tagħhom. Dan hu l-lewn ta' ġisimhom li jaqbel ħafna ma' fejn ipoġġu, lewn li ftit il-bogħod jaħbihom mill-għajnejn. Għal l-ewwel in-naturalisti tefgħu għajnejhom fuq il-bhejjem tax-xagħri u sabu li t-tigra b'dak it-tnaqqix ta' lewn tixbah il-ħxejjex tal-boskijiet, il-linji ta' fuq dahar il-leopard donnhom id-dell tas-siġar fuq l-art imdawla bix-xemx, raw imbagħad il-lewn ta' bosta għasafar li jgħixu fuq is-siġar jixbah il-lewn u l-għamla tal-friegħi ta' dawk is-siġar il-kbar; imbagħad, bil-mod il-mod, sabu l-lewn abjad ta' xi annimali, abjad daqs is-silġ li jgħixu fuqu li minn ftit il-bogħod xejn ma jagħżilhom minnu, bdew jaraw xi friefet li meta jpoġġu fuq zkuk is-siġar donnhom weraq niexef sejjer jaqa', dud twil twil donnu zkuk tas-siġar, raw l-imħar li jaqbel mal-blat sewdieni, dud lewn l-alka u kemm u kemm ħwejjeġ oħra.

Barra minn dan hemm ħaġ'oħra iżjed tal-għaġeb li biha xi annimali jagħirfu jiżolqx mill-mewt b'ħażen l-iżjed kbir.

Xi annimali jaslu biex, meta jaraw il-periklu, jagħmlu ta' bir-ruħhom mejtin.

Fost dawn l-iżjed imsemmija huma l-klieb slavaġ ta' l-Awstralja, qatgħa żgħira ta' ċriev imsejħa *kankil*, u xi lifgħat ta' l-Amerka.

Dal-klieb ta' l-Awstralja ma jafux jekk humiex salvaġġi tal-post jew xi nisel ta' klieb meħudin u mħollija hemm min-nies fi żminijiet ilhom. Billi dal-klieb huma ta' ħsara kbira għall-imrieħel kbar ta' l-Awstralja, l-Awstraljani jagħmlulhom gwerra u għad li ħafna jiġu minxura, b'dan kollu, mhux kull kelb minxur hu kelb mejjet, għax b'din is-sengħa li jagħmlu ta' bir-ruħhom mejtin, mhux wieħed u tnejn jaħarbu mill-mewt. Wieħed minn dawn il-klieb ikun imsawwat għall-mewt li jinxeħet qisu bla ebda ħajja tant li min ikun isawtu jitilqu, iżda dawn jistagħġbu mhux ftit jekk ifettlilhom iħarsu lura għax jaraw il-kelb "jirxoxta" u jaħrab b'kemm ikun fadallu saħħa; xi wieħed imqar isofri li jibdew iqaxxruh qabel ma juri li hu ħaj.

Hemm "Volpi" jew "kelb ta' Azara" fl-Amerka t'isfel li jħobb jittanta jidħak bil-klieb li jkunu jikkaċċjawh għax jagħmilha ta' mejjet.

Iżda mhux annimali kbar biss jagħmlu din il-logħba- -li kieku kien hekk, kien jista' wieħed jaħseb li dan ġej millmoħħ li, b'xi mod jew ieħor, hu kbir biżżejjed biex jaħdem— imma naraw li mqar il-lifgħa u ż-żrinġ jagħmlu dan ixxogħol u għalhekk għandna naħsbu li dan mhux għajr ilġibda u l-istint qawwi li jeħilsu mill-mewt.

Fl-Amerka ta' fuq hemm lifgħa żgħira li għad li ma tagħmilx ħsara, min idejjaqha taf titħak bih ħelu ħelu: terfa' rasha, tqum fuq tagħha, tiltewa qisha xi kobra (lifgħa velenuża mill-iżjed) sejra tagħti s-salt. Min ma jagħrafhiex jitbażża' u jaħrab u min ma jaħrabx u jibqa' jittantaha hi tara tidħakx bih b'mod ieħor: taqa' fl-art u tibda titkagħweġ qisha qiegħda tmut u tibqa' tnaqqas bil-mod il-mod sa kemm taħsibha mejta; imbagħad tħalli lil dak li jkun li jerfagħha u tintelaq f'idejh qisha mejta. Meta jitlaqha u jitwarrab hi "tirxoxta".

S.